**12 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Francesco Desira**

*versus*

**Rev. Kanonku Don Lorenzo Micallef ne.**

**Appalt — Ħlas dovut lill-Appaltatur — Prova — Art. 561 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Hu espressament v'żwalizzat mill-liġi illi, jekk il-ħlas tal-appalt ma hux stabbilit fil-ftehim, jew b'liġi, jew bl-użu, jiġi meqjus*

*mill-Qorti bi stima ta' periti, jew ukoll mingħajr din l-ist'ma. skond iċ-ċirkustanzi.*

*Għaldaqstant, jekk il-kommittent jallega li kien hemm ftehim f'ċertu sens, bħal meta jiġi mifthiem li l-appaltatur għandu jitħallas l-ammont li tawtorizza l-War Damage Commission, l-prova ta' din l-affermazzjoni tmiss lilu, skond ir-regoli magħrufa tad-Dritt Probatorju.*

*Hu veru illi, in linea ta' mass'ma, ix-xhieda tal-kreditur, meta tiġi mogħtija wara l-mewt tad-debitur, għandha fiha nnifisha tiġi meħuda bl-akbar ċirkospezzjoni; però, din mhix regola ta' liġi, iżda ta' prudenza.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni tal-attur quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha talab il-kundanna tal-konvenut nomine għall-ħlas ta' £134.5.0 jew somma oħra verjuri, akbar jew iżgħar, bilanċ ta' £2718, prezz ta' rikostruzzjoni u riparazzjoni fil-Monasteru tas-Sorijiet ta' Santa Scolastica, Vittorjosa, skond il-valutazzjoni tal-Perit Victor Muscat, A. & C.E., bl-imgħax legali minn notifika tal-ittra uffiċjali tat-2 ta' Ġunju 1951, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' dik l-ittra uffiċjali;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li qal illi hu kellu jagħti lill-attur sempliċement is-somma ta' £18.14.9, kif ġie deċiż fil-kawża "Kan. Don Lorenzo Micallef ne. vs. Francesco Desira", maqtugħa mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-5 ta' Marzu 1952; dik is-somma ġiet offerta lill-attur, iżda dan, bla ebda raġuni valida fil-liġi, irrifjuta li jaċċettaha, u għalhekk ġiet depożitata skond il-liġi; salvi *eċċezzjonijiet* oħra;

Rat il-verbal fol. 14, fejn il-konvenut eċċepixxa l-ġudikat naxxenti mis-sentenza msemmija fl-eċċezzjonijiet tiegħu;

Rat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-27 ta' Ġunju 1952, li biha l-eċċezzjoni tal-ġudikat ġiet miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat il-verbal tat-2 ta' Ottubru 1958 (fol. 153), fejn il-partijiet, per mezz tad-difensuri tagħhom, qablu li l-Ewwel Qorti tiddeċidi qabel xejn il-kwistjoni jekk bejn il-kontendenti kienx hemm jew le l-ftehim li l-attur jitħallas skond ma tagħti l-War Damage Commission;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti fuq din il-kwistjoni, li biha ġie dikjarat u deċiż illi l-appalt in kwistjoni ġie mill-Kanonku Mazzelli mogħti, u mill-attur aċċettat, bil-fehma biss li l-ħlas isir mill-Kanonku Mazzelli, iżda l-prezz ma kellux jeċċedi l-indennizz likwidat mill-War Damage Commission, spejjeż riżervati għas-sentenza finali; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi għal issa l-Qorti sejra tillimita ruħha għall-kwistjoni kif fuq verbalizzata, jiġifieri jekk bejn l-attur u l-Kanonku Raffaele Mazzelli predeċessur tal-konvenut, kienx hemm il-ftehim li l-attur jitħallas skond ma tagħti l-War Damage Commission. F'dan ir-rigward il-konvenut jgħid li l-ftehim mal-Kan. Mazzelli kien f'dan is-sens, mentri l-attur jippretendi li hu ma kellux x'jaqsam mal-War Damage Commission, u kellu jitħallas minn għand il-Kan. Mazzelli;

Illi fuq dan il-punt il-konvenut xehed li, għad li qatt ma tkellem mal-Kan. Mazzelli dwar l-appalt in kwistjoni, kien prinċipju tal-istess Kan. Mazzelli li jħallas biss dak li jirċievi mill-War Damage Commission (fol. 57), u li hu kien jgħid lill-konvenut li hu kien jittratta fuq prezzijiet tal-War Damage Commission, u ma kienx iħallas iżjed minn dawk il-prezzijiet (fol. 69). Veru li din iċ-ċirkustanza tikkostitwixxi "dictum de dicto", iżda skond l-art. 598 (Proċ. Ċiv.), "il-Qorti tista', skond iċ-ċirkustanzi, tippermetti xhieda fuq kliem ta' ħadd ieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ta' ħadd ieħor ikollu fih innifsu importanza sostanzjali fuq il-meritu tal-kawża, jew ikun jagħmel parti mill-meritu". Issa, fil-fehma tal-Qorti, xejn ma nġieb biex titwaqqa' l-attendibbilità tal-konvenut fuq iċ-ċirkustanza "de qua"; u billi din tolqot sostanzjalment il-meritu tal-kawża, u tinsab ukoll sostnuta minn ċirkustanzi oħra li sejrin jis-

semmew, il-Qorti tħoss li għandha tagħti lil din il-prova l-piż li jistħoqqilha. Difatti rriżulta......;

Illi konferma oħra tal-fehma tal-Kan. Mazzelli hija deżumibbli mill-ittra li l-abbozz tagħha jinsab fil-kawża fuq riferita, u li kopja tagħha tidher eżibita *fil-fol. 93* tal-kawża preżenti. Din evidentement hija ittra ntiża......;

Illi l-attur, fin-nota tiegħu fol. 126 et seq., jattakka l-forza probatorja tal-abbozz fuq imsemmifi, għaliex ma fiehx id-data u l-attur qatt ma rċieva ittra b'dak il-kontenut; iżda dan ma hux biżżejjed biex *il-prova tispiċċa*, ladarba l-iskrittura relattiva ġiet verifikata u magħrufa mill-konvenut (ara xhieda tiegħu fol. 69A.). F'dan is-sens hija l-liġi tagħna (art. 635 (ċ) Proċ. Ċiv.);

Illi, wara kollox, il-versjoni tal-attur lanqas tidher inkompatibbli mal-assunt tal-konvenut. Difatti l-attur xehed......;

Illi l-attur, biex isostni t-teżi tiegħu, issottometta u qal fix-xhieda tiegħu (fol. 59) li hu kien għamel xogħol li ma jaqgħax taħt il-War Damage Commission, u semma biss il-madum (fol. 67); iżda f'dan ir-rigward l-attur mhux sottnut mill-provi. Difatti, il-Perit Muscat xehed......;

Illi, mbgħad, mhux ta' min jinjora ċ-ċirkustanza li, mentri x-xogħolijiet spiċċaw fis-sena 1945 (fol. 55), l-attur talab ġudizzjarjament il-ħlas tagħhom biċ-ċitazzjoni odjerna fil-21 ta' Marzu 1952, u dan mhux biss wara l-mewt taddebitur Kan. Mazzelli, iżda saħansitra wara li kien ġie azzjonat mis-suċċessur tiegħu, il-konvenut, għar-rifużjoni ta' ammont rilevanti, u wara li ġiet definita dik il-kawża. Għalhekk ix-xhieda tal-attur għandha, skond il-ġurisprudenza kostanti, tittieħed bl-akbar ċirkospezzjoni, dment li ġiet mogħtija fiż-żmien li ma setgħetx tiġi kontrollata middebitur (arg. art. 1204(b) Kod. Ċiv.; u Kollez. XXXVII-II-797, u s-sentenzi hemm ċitati);

Illi f'każ ta' dubju (jekk dubju jista' jkun hemm), dan għandu jmur favur id-debitur (art. 1052 Kodiċi Ċivili);

Rat in-nota li biha l-attur appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab li tiġi revokata, u minflok jiġi dikjarat u deċiż illi l-ftehim bejn l-attur u l-Kanonku Raffaele Mazzelli ma kienx li l-attur kellu jitħallas tax-xogħol skond kemm tagħti l-War Damage Commission, imma għan-norma tal-art. 1713 tal-Kodiċi Ċivili jew ta' kwalunkwe dispożizzjoni legali oħra, jew f'mod u ammonti oħrajn li din il-Qorti tistabbilixxi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni f'dan l-appell mhijiex jekk l-attur għadx għandu jieħu xi ħaġa minn għand il-konvenut nomine tax-xogħolijiet li għamel, jew inveċe jekk ġiex ġa ġustament imħallas tagħhom bil-ħlasijiet li rċieva. Il-kwistjoni hi biss jekk bejn l-attur u l-kommittenti tal-appalt, ċjoè l-Kanonku Mazzelli, predeċessur tal-konvenut fl-amministrazzjoni tal-Monasteru "de quo", sarx il-ftehim dwar il-mod tal-ħlas pretiż mill-konvenut;

Peress li din hi kwistjoni purament ta' apprezzament tal-provi, huwa essenzjali li dawn jiġi meqjusa bl-akbar reqqa, biex jingħata lilhom dak il-piż li verament jimmeritaw. Huwa essenzjali wkoll li jiġi allokat sewwa l-"onus probandi";

Din il-Qorti hi ta' fehma illi l-piż tal-prova dwar "il-ftehim speċjali" in kwistjoni jmiss lill-konvenut; u wara li qieset u għarblet sewwa l-provi kollha, kompriżi dawk li l-Qorti dehrilha xieraq li tippermetti f'din l-istanza, jidhrilha li dan il-piż ma ġiex soddisfaċentement diżimpenjat;

It-teżi tal-attur hija illi, meta hu ħa l-inkarigu tax-xogħol, ma sar ebda ftehim fuq il-prezz; l-intendiment kien li hu jaħdem u jitħallas, naturalment skond il-ħaqq, indipendentement mill-War Damage Commission, "Fiha nnifisha", din hi sitwazzjoni perfettament possibbli u legali, u hi espressament viżwalizzata mill-liġi fl-art. 1713. li jgħid illi, "jekk il-ħlas (ta' appalt) mhux stabbilit fil-fte-

nim, jew b'liġi jew b'użu, jiġi meqjus mill-Qorti bi stima ta' periti, jew ukoll mingħajr din l-istima, skond iċ-ċirkustanzi";

Bħala prova diretta ta' din ir-relazzjoni bejnu u bejn il-Kanonku Mazzelli, l-attur ta x-xhieda tiegħu (fol. 58, 59, 60), u ta wkoll ix-xhieda ta' Giuseppe Dalmas. Skond dawn il-provi, il-fatt ġara hekk. Fl-1942......;

Dawn il-provi (li, kif ser jingħad il-quddiem, mhumiex kontraddetti, u lanqas inkonsistenti maċ-ċirkustanzi), jistabbilixxu t-teżi tal-attur "prima facie". Għalhekk, meta l-konvenut jallega li bejn l-attur u l-Kanonku Mazzelli sar il-ftehim speċjali pretiż minnu, fis-sens, ċjoè, li l-attur kellu jitħallas "biss" l-ammont li tawtorizza l-War Damage Commission, il-prova ta' din l-affermazzjoni tmiss lilu, skond ir-regoli magħrufa tad-Dritt Probatorju (art. 561 Kodiċi Org. u Proċ. Ċiv.);

Issa, x'inhuma l-provi li għamel il-konvenut? "Di scienza proprja" l-konvenut ma jaf xejn, għaliex...... Imma l-konvenut ġieb ċerti provi ndiretti li jeħtieġ li jiġu, kif ġa ntqal, valjati bir-reqqa, u li huma dawn li ġejjin:—

1. L-ewwelnett intqal illi hija "sistema" tal-Kurja Arċiveskovili illi d-deduzzjonijiet li jsiru mill-War Damage Commission għar-raġuni ta' eċċessività tal-prezzijiet ibatuhom il-kuntratturi. Biex tiġi valutata sewwa din il-prova, però, għandha mportanza fondamentali l-konsiderazzjoni taż-żmien ta' meta ngħata l-appalt in kwistjoni. Il-provi juru......;

Minn dan jiġi illi, fiż-żmien li ngħata l-appalt lill-attur kien għad ma hemmx, u lanqas seta' jkun hemm, ebda "sistema" jew "prattika" da parti tal-Ġunta Arċiveskovili, li minnha l-Kanonku Mazzelli seta' jkun marbut, jew anki gwidat. Del resto, l-istess Monsinjur Bartoli spjega lil din il-Qorti illi......;

F'dawn iċ-ċirkustanzi huwa mpossibbli li jingħad illi l-"prattika" jew "sistema" tal-Kurja, li ma kienetx teżisti dak iż-żmien, u li talvolta ffurmat ruħha wara, tista' tiġi

nvokata bħala prova jew konferma tal-ftehim li, skond il-konvenut, sar mal-attur;

*Omissis;*

2. Ir-riflessjonijiet magħmula taħt in-numru 1 jgħoddu wkoll għall-prova l-oħra tal-konvenut konsistenti f'xi kliem li hu xehed li kien jgħidlu l-Kanonku Mazzelli. L-ewwelnett għandu jingħad illi, speċifikatament fuq l-appalt tal-attur u l-ftehim dwaru, il-Kan. Mazzelli qatt ma qal xejn lill-konvenut (fol. 69). Però l-konvenut xehed illi l-Kanonku Mazzelli kien jgħidlu li kien dejjem jittratta fuq il-prezzijiet tal-War Damage Commission, u ma kienx iħallas iżjed mill-prezzijiet tal-War Damage Commission (ibid.). Mhux ċar a propożitu ta' hix kien jingħad dan id-diskors, però, skond il-provi, ma setgħax kien rigward l-appalt tal-attur. Sal-1944 il-Kanonku Mazzelli kien għadu rifuġjat ir-Rabat, u x-xogħol kien ġa ilu li nbeda......;

3. It-tielet prova tal-konvenut tikkonsisti fl-abbozz ta' ittra li hemm kopja dattilografata tagħha fol. 93. Frankament, il-Qorti ma tħossx li għandha tagħti mportanza lil dan l-abbozz. L-ewwelnett ma ġiex pruvat lj din hi verament kopja ta' ittra li nbagħtet lill-attur...... Kieku però kellu jittieħed xi argument minn dak l-abbozz, dan, fil-fehma tal-Qorti, aktarx għandu jkun kontra, u mhux favur it-teżi tal-konvenut. Mit-tenur tiegħu jidher illi l-attur kien ġa dak iż-żmien qed jinsisti għall-ħlas minn għand il-Kan. Mazzelli f'ammont li speċifikalu. Saħansitra donnu jidher li l-attur imminaċċja proċeduri ġudizzjarji...;

4. Tibqa' biss il-prova, li forsi hi l-aktar waħda li l-konvenut insista fuqha, suppost riżultanti mid-dokument fol. 23 ta' dan il-proċess u minn dak market "OO" li hemm fol. 47 tal-proċess fil-kawża l-oħra li għaliha saret riferenza. Il-konvenut xehed......;

Minn dan kollu li ntqal il-Qorti hi ta' fehma illi l-konvenut ma għamel ebda prova li tista' titqies valida u suffiċjenti skond il-liġi;

Għalhekk tibqa' l-prova tal-attur, korroborata sa

ċertu pont *mix-xhieda* ta' Giuseppe Dalmas, u mhux inverosimili skond iċ-ċirkustanzi tal-każ. Il-kuntratt, kif diġà ntqal, sar fl-1943. Fir-rikors li diġà ssemma, magħmul mil-Kan. Mazzelli lill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof, ebda aċċenn ma hemm li l-ħlas lill-attur kellu jsir mill-flus u skond il-prezzijiet tal-War Damage Commission. Sa *mill-bidu* l-Kanonku *Mazzelli* beda jħallas akkonti lill-attur; saħansitra kellu jissellef xi flus biex jista' jħallas. Sal-1945 il-Kan. Mazzelli, bla ma qagħad jistenna li ssir likwidazzjoni mill-War Damage Commission, kien ġa ħallas (kif kien jaħseb hu) lill-attur £2685 (ara dok. N. fol. 6 tal-proċess l-ieħor), ċjoè aktar minn dak li eventwalment awtorizzat il-Kummissjoni. Anki wara l-mewt tal-Kanonku Mazzelli l-konvenut (non ostante li l-Kan. Mazzelli kien jgħidlu, kif xehed hu, li l-attur kellu jagħti, u mhux jieħu) ħallas £200 oħra lill-attur per mezz tal-Perit Muscat. Dan talvolta, mill-punto di vista tal-*konvenut*, sar bi *żball*, iżda l-*fatt* jibqa' illi l-ħlasijiet kienu jsiru ndipendentement mill-likwidazzjoni tal-ammont awtorizzat mill-Kummissjoni;

Peress illi din il-kawża saret mill-attur wara li kien ġa miet *il*-Kanonku Mazzelli, l-Ewwel Qorti rrimarkat illi x-xhieda tal-attur għandha fiha nnfisha tiġi meħuda bl-akbar ċirkospezzjoni. In linea ta' massima dan hu ċertament veru; din però mhix regola ta' liġi, iżda regola ta' prudenza. Jgħodd għall-liġi tagħna dak li jingħad għar-rigward tal-liġi ngliża:— "There is in England *no* rule of law precluding a claimant from recovering against the estate of a deceased person on his own testimony without corroboration, but the Court will always regard evidence with jealous suspicion, and, it is said, will in general require such corroboration" (Bert 12th Ed. §621, ċitat fil-Cockle "Cases and Statutes on the Law of Evidence", 7th edition, p. 161). Ir-regola ġiet formulata hekk mill-Court of Appeal tal-Ingilterra fil-kawża re "Hodgson Bekett vs. Ramsdale" (1855):— "The statement of a living man is not to be disbelieved because there is no corroboration, but we must take into account the necessary absence through death *of one of the parties to the transaction*, and in considering the statement of the survivor it is natural to look for corroboration in support of it; but if the evidence given

by the living man does bring conviction to the tribunal which has to try the question, then there is no rule of law which prevents that being acted upon......" (ibid.);

Issa, fil-każ preżenti, ix-xhieda tal-attur tinsab, kif ġa ntqal, korroborata sa ċertu pont mix-xhieda ta' Giuseppe Dalmas, li ma kienx xehed quddiem l-Ewwel Qorti, u fil-fehma ta' din il-Qorti hi wkoll konfaċenti għaċ-ċirkustanzi u ż-żmien li fihom sar il-kuntratt. Hu xieraq ukoll li jingħad illi (1) mill-istess abbozz ta' ittra eżibit mill-konvenut jidher illi l-attur, anki fil-ħajja tal-Kanonku Mazzelli, kien jinsisti għall-ħlas lilu tal-bilanċ; (2) l-attur infatti xehed illi lill-Kanonku Mazzelli bagħatlu ittra uffiċjali xi sitt xhur qabel miet (fol. 59); (3) l-istess konvenut jistqarr fix-xhieda tiegħu, fol. 150 tergo, illi meta l-Kanonku Mazzelli qallu li l-attur jagħti għandu, u mhux jieħu, l-attur kien ġa nterpellah legalment biex iħallas; (4) sa ftit qabel miet, il-Kan. Mazzelli rċieva cheque mill-War Damage Commission, li tah lill-Perit Muscat biex iħallas parti lill-attur (xhieda tal-istess konvenut fol. 69A.); (5) anki qabel bdiet il-kawża l-oħra, l-attur interpella lill-konvenut għall-ħlas (fol. 104);

Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti mhix ta' fehma li ġie pruvat kontra l-attur il-ftehim pretiż mill-konvenut. Il-Qorti ma jidhrilhiex illi l-art. 1052 tal-Kodiċi Ċivili, li għalieh saret riferenza (u li jirrigwarda l-interpretazzjoni ta' kuntratt), jista' jgħin fil-kwistjoni preżenti;

Għal dawn il-motivi l-appell tal-attur jistħoqq li jiġi milqugħ. Jerġa però jingħad, għas-skans ta' ekwivoċi, illi l-kwistjoni quddiem din il-Qorti hi "limitata għall-punt devolut lilha bl-appell". Il-Qorti mhix tiddeċidi li l-attur għandu jieħu l-ammont mitlub minnu jew xi ammont ieħor; hi qegħedha tiddeċidi biss dak li sejjer issa jingħad;

Għaldaqstant din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-attur, tirrevoka s-sentenza appellata, u tiddikjara, minflok, illi ma kienx hemm ftehim mal-Kanonku Mazzelli li l-attur jitħallas biss dak li tawtorizza l-War Damage Commission. L-ispejjeż tal-Ewwel Istanza jibqgħu riżervati għas-sentenza fil-meritu, iżda l-ispejjeż ta' dan l-

appell iħallashom il-konvenut nomine; u tordna li l-atti jiġu rinvijati lill-Ewwel Qorti biex il-kawża titkompla skond il-liġi.